IŻ-ŻEBBUĠ

MARSALFORN

# MILIED 2016

## *ATTIVITAJIET ORGANIZZATI MILL-KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ*



### KOMPETIZZJONI PRESEPJI

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ ser jorganizza kompetizzjoni tal-presepji. Il-kompetizzjoni hija miftuħa għall-presepji li jsiru fil-lokalita` tagħna. Il-kompetizzjoni ser tkun maqsuma f' żewġ kategoriji, kategorija presepji żgħar daqs sa metru u nofs kubu u kategorija presepji kbar, akbar minn metru u nofs kubu. Dawk li jixtiequ jipparteċipaw f' din il-kompetizzjoni, mitluba biex jinkitbu l-Kunsill **sal-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2016.** Inħeġġu lid-dilettanti kollha biex jinkitbu għal din il-kompetizzjoni. Ir-riżultat tal-kompetizzjoni jitħabbar f' Jum il-Milied fil-quddiesa tal-11.00 ta' filgħodu fil-knisja taż-Żebbuġ. Il-parteċipanti kollha ser jingħataw rigal ta' tifkira.

### ĦARĠA F' GĦAWDEX

Il-Kunsill Lokali ser jorganizza ħarġa għal kulħadd f' Għawdex **it-Tnejn 26 ta' Diċembru 2016**. Ser inżuru diversi presepji fosthom Betlehem f' Għajnsielem. Ser nitilqu minn Pjazza l-Assunta fl-4.30 ta' filgħaxija. Dawk li jixtiequ jiġu magħna, mitluba jċemplu l-Kunsill biex jinkitbu sal-Ġimgħa 23 ta' Diċembru 2016 sa nofsinhar.

### *PARTY* GĦAT-TFAL TAL-LOKALITA`

**Il-Ħamis 29 ta' Diċembru 2016 fl-4.00pm**, ser isir *party* għat-tfal kollha taż-Żebbuġ u ta' Marsalforn sa 14-il sena fis-sala ta' Villa Fiorita Marsalforn. Ser ikun hemm ikel, logħob u divertiment għat-tfal kollha. Biljetti jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill għall-prezz ta' €2 **sat-Tnejn 26 ta' Diċembru 2016 ħinijiet tal-uffiċċju**. Trasport minn Pjazza l-Assunta li jitlaq fit-3.30 ta' wara nofsinhar u jinżel jiġbor it-tfal ta' Marsalforn mit-terminus.

***Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ u l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn jixtiequ jawguraw il-Milied it-tajjeb u sena ġdida mimlija risq u paċi.***

**7 ta' Diċembru 2016** — **Nru. 17/2016**

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ
Triq il-Knisja – Iż-Żebbuġ
Nru. tat-tel.: 21563056**** E-mail: zebbug.gozo.lc@gov.mt
Website: iz-zebbuglc.com